**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 16 ta' Novembru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 91/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Bjorn Delia**
**(ID: 154789M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Bjorn Delia** talli fl-14 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tad-20:50hrs gewwa l-Gzejjer ta' Malta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Abdul El Ahmad ID: 25271A u dan waqt li kien qed isuq u/jew kellu taht il-kontroll tieghu vettura numru BJR-200P.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Prim'Imhallef tas-26 ta' Ottubru 2018 wara li l-kawza kienet thalliet *sine die* fit-3 ta' Ottubru 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni irtirat l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur